KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

10 t'April 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tielet (3) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-**Tielet (3)** Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 11 ta' Gunju 2012 fis-6.00pm.**

It-Tielet (3) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Hatra ta Sotto kumitati
6. Tender – Supply and Installation of Lighting – Binja Vilhena
7. Reply Management Letter
8. Wifi Spots
9. Progett Soft Area biswit SPCA
10. Bankini u Asfaltar fi Triq l-Argotti / Triq L-Iljun
11. Spralli Triq Konservatorju u Triq l-Argotti
12. Asfaltar ta` Toroq - Private Public Partnership
13. Parking Bays
14. Muzew Kulturali f'Dar il-Kunsill
15. Korsijiet TCTC
16. Arblu bil-bandira tal-Floriana
17. Tabella hdejn il-hockey club
18. Dwal fi Gnien Herbert Ganado
19. Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejliet L-Ewwel tas-Sena
20. Hwejjeg Ohra
21. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-**Tielet (3)** laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Davina Sammut Hili, il-Vici Sindku Vincent Borg, il-Kunsillier Matthew Paris u l-Kunsillier Nigel Holland flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta' sahha.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Davina Sammut Hili.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tieni (2) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici-Sindku Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Matthew Paris. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Ray Abela, rapprezentant tat-TCTC fejn offra s-servizz ta' online streaming u tal-E-Council4u, ghal prezz ta' €1100-il wiehed. Il-Kunsillier Matthew Paris fakkar li ladarba l-Kunsill kellu ftehim fuq website ezistenti, il-Kunsill kellu jivverifika jekk ikunx possibli issir, sabiex ma tikisirx xi kundizzjonijiet tal-kuntratt jekk jilqa' xi wahda minn dawn l-offerti. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jivverifika dan qabel ma jiehu decizjoni finali. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob laqgha mal-kumpanija TCTC sabiex tigi diskussa din l-offerta' f'aktar dettall.

2.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Brian Zammit li nforma lill-Kunsill b'revizjoni fil-prezz ghax-xandiriet tal-laqghat tal-Kunsill fuq ir-radju. Il-Kunsill qabel lli ghandu jiccara materja 2.1 u wara jitlob laqgha mas-Sur Zammit qabel ma jiehu decizjoni finali.

2.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand John Hackshaw fejn ippropona li jinholoq suq gdid bl-isem ta' Floriana Market.

**Nota: 18:20 Il-Kunsill qabel li l-laqgha ghandha tigi sospiza sabiex jigu diskussi xi dettalji dwar il-proposta msemmija f'materja nru 2.3.**

**18:30 It-tielet (3) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali tkompliet.**

2.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili ipprezentat xi punti li kienu gew diskussi matul is-sospensjoni tal-laqgha dwar il-Floriana Market. Hi ziedet tghid li z-zona ssuggerieta kienet wahda privata u ghalhekk is-Sur Hackshaw kien qed jitlob biss in-no objection tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni dwar dan il-progett ladarba jinkisbu l-permessi kollha necessarji mill-entitajiet responsabbli u wara li jkunu saru d-diskussjonijiet mehtiega mad-Divizjoni tal-Kummerc peress li l-monti kien responsabbilta' taghhom.

2.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Is-Sur Antoine Joseph Hili

**Nota: 18:32 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata minhabba kunflitt t'interess.**
**Il-Vici-Sindku Vincent Borg intalab jippresiedi l-laqgha.**

is-Sur Antoine Joseph Hili talab permess biex jaghmel mudell life-size ta' kelb biex jitpogga fi Gnien il-Mall bhala tifkira favur il-harsien tal-annimali u offra lill-Kunsill sabiex jipprovdi l-materjal ghal dan il-monument, wara l-ibbrunzar. Il-Kunsill qabel li ghandu jitolbu jipprovdi stima ta' kemm ser jigi jiswa dan il-monument qabel ma tittiehed decizjoni finali.

**Nota: 18:35 Is-Sindku Davina Sammut Hili irritornat ghal-laqgha.**

2.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand is-Sur Johann Said fejn talab permess sabiex ghal darb'ohra jerga' jorganizza cirklu tal-annimali fil-parking area ta' magenb il-Fosos bejn it-12 ta' Dicembru 2012 u s-6 ta' Jannar 2013. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu johrog no objection qabel ma jigi sottomess cekk ta' deposit bl-ammont ta' €1165 li jaghmel tajjeb ghal kwalunke hsara jew ksur ta' kundizzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinforma bil-miktub lis-Sur Said li s-sena li ghaddiet ma kienx ipprova d-depozitu mitlub mill-Kunsill u kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet meta giet okkupata zona li ma kellux permess ghaliha u meta ttellghu vetturi fuq il-Fosos minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill.

2.7 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand is-Supertendent Mamo fejn informat lill-Kunsill li kienet saret spezzjoni wara r-rapport li l-Kunsill kien ghadda dwar numru ta' siringi mormija f'postijiet mitluqa. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob iktar assistenza mill-Pulizija fejn jidhlu kazijiet simili minhabba li l-Floriana qed tbati hafna mill-konsegwenzi li ggib maghha il-prezenza ta' centru tas-sahha fil-lokalita'. Is-Sindku pproponiet ukoll li s-soft areas imsemmija jitnaddfu u jekk inhu possibli, il-haxix hazin jinqata' kollu. Fir-rigward tal-proposta ghal zieda ta' dawl f'dawn iz-zoni, is-Sindku ziedet tghid li kien hemm limitu ghal kemm tista' taghmel dawl fit-toroq u ghalhekk l-aktar soluzzjoni effettiva kienet il-prezenza iktar qawwija tal-Pulizija fil-hinijiet li fihom isir l-iktar abbuz. Il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb lill-Pulizija kif diskuss. Il-Kunsill Matthew Paris ssuggerixxa li jitkellem mad-Dipartiment sabiex jara jekk tistax issir xi haga ohra f'dan ir-rigward.

2.8 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand l-MSV Life fejn talbu laqgha mal-Kunsill rigward it-twahhil ta' sinjali u biex isiru fire evacuation points ghall-impjegati taghhom. Huma talbu wkoll li jsiru linji sofor quddiem il-bieb principali taghhom minhabba li kienu qed jipparkjaw xi vetturi. Il-Kunsillier Matthew Paris informa li wara li kien iltaqa' maghhom kif propost, huma kienu pproponew li l-fire evacuation points ikunu fi Triq il-Mall u fi Pjazza Papa Gwanni XXIII. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni. Fir-rigward tat-talba ghal linji sofor, il-Kunsillier Matthew Paris qal li kien inutli li dawn isiru minhabba l-istat prezenti tat-triq u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jitlob lill-gwardjani lokali sabiex jghassu iktar iz-zona u biex ma jhallux vetturi jipparkjaw fil-kantunieri. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Kummissjoni Djocesana Persuni b'Dizabilita' fejn ipproponew li l-bankina ta' quddiem il-bieb tal-Kurja tigi rrangata b'tali mod li tkun livell mat-triq sabiex tkun accessibli ghall-persuni b'dizabbilta'. Il-Kunsill qabel li l-kunsilliera responsabbli mill-Infrastruttura ghandhom jiltaqghu mal-kummissjoni sabiex ikun jista' jigi diskuss x'jista' jsir.

2.10 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Vikings Sailing Club fejn ghamlu riferenza ghall-ittra mibghuta mill-Kunsill u oggezzjonaw ghall-fatt li kienu qed johorgu xi skart barra. Il-Kunsill qabel li ghandu jesigi bhalma jaghmel ma' kull entita' kummercjali, li titpogga skip a spejjez taghhom quddiem il-klabb filwaqt li jirringrazzjahom tal-ko-operazzjoni biex tinzamm nadifa l-lokalita'.

2.11 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Floriana Amateur F.C. fejn offrew lill-Kunsill sabiex jaghmel riklam fill-ktieb kommemorattiv li ser jigi ppublikat fl-okkazzjoni tal-gheluq ta' tletin sena mit-twaqqif tal-Ghaqda Floriana Amateur Football Club.

**Nota: 19:05 Il-Vici-Sindku Vince Borg talab li jkun skuzat minhabba kunflitt t'interess.**

Il-Kunsill qabel li ghandu jistaqsi meta ser jinhareg dan il-ktejjeb filwaqt li laqa' l-offerta' tal-Floriana Amateur F.C. sabiex jaghmel riklam ta' pagna shiha ghall-prezz ta' €100 fejn fih tigi rreklamata wahda mill-attivitajiet ta' GARDMED jew is-servizzi li joffri l-Kunsill.

**Nota: 19:07 Il-Vici-Sindku Vince Borg rega' attenda ghal-laqgha.**

2.12 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Floriana Senior Citizens fejn talbu li jitkompla x-xoghol li nbeda fit-toilets tac-centru taghhom. Is-Sindku ziedet tghid li l-Perit Mintoff kien diga ccertifika x-xoghol bhala tajjeb u komplut ghalkemm ic-centru kien qed jibqa' jsostni li kien ghad fadal x'jitlesta jew jitranga. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jitlob laqgha mal-Floriana Senior Citizens fejn jigi specifikat ezatt x'hemm bzonn jitranga jew isir u wara jitlesta x-xoghol. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob ittra ta' sodisfazzjon minghandhom wara li jkun tlesta x-xoghol sabiex ma jergghux jinholqu diffikultajiet.

2.13 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn offrew lill-Kunsill sabiex itellghu zjara f'Ghawdex konguntament maghhom. Il-Kunsillier Matthew Paris rega' fakkar li t-talbiet qed jizdiedu u hemm bzonn li Il-Kunsill jillimita ruhu ghall-budget li ghamel fejn jidhlu l-ghaqdiet. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni sabiex issir din l-attivita' konguntament mal-Ufficcju Parrokkjali.

**<u>Nota: 19:25 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jkun skuzat.</u>**

2.14.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand The Grand Harbor Regeneration Corporation plc.

**<u>Nota: 19:26 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat minhabba kunflitt t'interess.</u>**

Huma talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jaghmlu uzu mis-sala tad-Dar tal-Kunsill nhar it-Tlieta 3 ta' Lulju 2012. Huma talbu wkoll jekk il-Kunsill jistax jezentahom mid-depozitu ta' €233.

**<u>Nota: 19:27 Il-Kunsillier Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.</u>**

Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob li l-laqgha tinzamm nhar l-Erbgha 4 ta' Lulju 2012 u li ghandu jezentahom mid-depozitu ta' €233.

**<u>Nota: 19:30 Il-Kunsillier Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.</u>**

2.16 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Dar il-Mistrieh fejn offrew lill-Kunsill sabiex jorganizzaw mawra ghal Ghawdex b'mod kongunt u jiehu hsieb it-trasport lejn Ghawdex u lura. Il-Kunsillier Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill johrog Expression of Interest ghal servizz ta' trasport sabiex il-Kunsill ikun jista' jibbenefika minn prezzijiet ridotti. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni sabiex jorganizza mawra ghal Ghawdex flimkien ma' Dar il-Mistrieh u qabel li ghandu jitlobhom specifikazzjonijiet tat-trasport rikjest. Il-Kunsill qabel ukoll li johrog expression of interest ghal servizzi ta' trasport.

2.17 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Regjun Xlokk fejn informaw lill-Kunsill bil-Laqgha Annwali Regjonali li kienet ser tinzamm nhar is-Sibt 14 ta' Lulju 2012. Is-Sindku talbet li dawk il-kunsilliera li xtaqu jattendu kellhom jaghtu risposta sa mhux aktar tard mit-3 ta' Lulju 2012.

2.18 Il-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Glenn Hili u Karl De Flavia.

**<u>Nota: 19:40 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata minhabba kunflitt t'interess.</u>**

**<u>Il-Vici-Sindku Vincent Borg intalab jippresiedi l-laqgha.</u>**

Is-Sur Hili kien qed jitlob li jinhall mill-kuntratt tal-gabbana tac-Centru Rikeattiv ir-Re Gorg V u li jiehu kollox f'idejh is-sieheb Karl De Flavia. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-kuntratturi jipprovdu addendum a spejjez taghhom fejn is-Sur De Flavia jaccetta r-responsabbiltajiet kollha tal-kuntratt u s-Sur Hili jirrinunzja kull dritt u involvilment tieghu. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu johrog l-iricevuta tal-kera fuq is-Sur De Flavia.

**Nota: 19:50 Is-Sindku Davina Sammut Hili irritornat ghal-laqgha.**

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsillier Nigel Holland saqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill kienx qabel li jkun hemm xi refreshment fl-attivita' Artist's Garden, wara ic-cerimonja tal-Ghoti ta` Premijiet. Is-Sindku wiegbet li qatt ma kien gie deciz li l-Kunsill jipprovdi x-xorb matul din l-attivita'.

3.2 Il-Kunsillier Nigel Holland saqsa lis-Sindku dwar il-lista ta' nies li gew mistiedna ghall-Ghoti ta' premjijiet u saqsa ghalfejn kien hemm xi nies li kellhom jigu mistiedna izda ma ntbaghtilomx invit. Is-Sindku wiegbet li dan kien sar bi zvista ghax fil-fatt lanqas ommha stess li kienet ex-kunsilliera ma kienet irceviet l-invit.

3.3 Il-Kunsillier Nigel Holland ghamel riferenza ghar-rampa li kienet saret fi Pjazza E.S. Tonna u saqsa lis-Sindku ghalfejn din kienet saret mill-Kunsill ladarba kienet ghall-persuna privata. Huwa zied jghid li tali azzjoni tohloq precedent ghal talbiet ohra li jista' jkun hemm fil-futur. Is-Sindku wiegbet li din id-decizjoni kienet ittiehdet fl-ahhar laqgha tal-Kunsill u li r-rampa ma kinietx saret ghal persuna wahda izda ghal dawk kollha li jista' jkollhom bzonn jaghmlu uzu minnha, minhabba li dil-bankina ma kienx fiha access ghal-persuna b'dizabilita`.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttivipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **64-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Wara mozzjoni mressqa mill vici Sindku Vince Borg u ssekondat mill Kunsillier Matthew PAris, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10551 sa 10645, u 0008 sa 0011 bir-rizultat:

Favur: 4 (DSH, NH, VB, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Davina Sammut Hili, minn zewg kunsilliera u mis-Segretarju Ezekuttiv.

4.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili nformat lill-Kunsill li mill-allowance li kienet intitolata ghalih ghas-safra fil-bidu tax-xahar, hi kienet raddet lura dawk il-flus li ma kinietx uzat.

4.6 Is-Sindku semmiet ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv ukoll kien radd lura dak li ma uzax mis-subsistance allowance billi xtara xi pjanti ghad-dar tal-Kunsill.

4.7 Il-Kunsillier Nigel Holland saqsa jekk kienx sar xi ftehim li jinghataw xi kopji b'xejn tal-pubblikazzjoni "Tislima lill-Vittmi tal-Gwerra Furjanizi: 70 Sena wara" lill-Kazin tal-Banda Vilhena. Is-Sindku wiegbet li ma kien sar l-ebda ftehim simili. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika kemm il-ktieb gie moghti lill-Kunsill milll-hames mitt kopja ordnati.

4.8 Il-Vici Sindku Vincent Borg ghamel riferenza ghac-cekk bin-numru 0047 u rrimarka li hu ma jhossx li taghmel sens li l-Kunsill ihallas riklam f'pubblikazzjoni li hi kkommisjonata minnu stess. Hu kompla jghid li darb'ohra l-Kunsill ghandu jitlob li dan ir-reklam jinghata gratis bhala turija t'apprezzament ghall-ispejjez imhallsa mill-Kunsill. Gie irrimarkat li dan kien riklam addizjoni tal-festival tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

**Nota: 20:14 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

4.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet proposta sabiex jinxtara digital audio recorder. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

4.10 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet proposta sabiex tinxtara multimedia projector stand, total ta' €360 . Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

**Nota: 20:16 Il-Kunsillier Nigel Holland irritorna ghal-laqgha.**

4.11 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet proposta sabiex jinxtraw uniformijiet godda lill-impjegati tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

4.12 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet proposta sabiex issir l-bank guarantee ta' Triq il-Miratur. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 5.0 Hatra ta Sotto kumitati

5.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lill-Vici-Sindku Vincent Borg sabiex jiftah id-diskussjoni.

5.2 Il-Vici-Sindku Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien avvicina xi nies sabbiex jifformaw parti mis-sottokumitati tieghu. Huwa ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill lill-Albert Mockridge, Twanny Debono, Marlene Miceli, Robbie Mamo u Carmelo Sammut sabiex jaghmlu parti mis-sotto-kumitati li jaqghu fi hdanu. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

5.3 Il-Kunsill qabel li ghandu johrog avviz fin-noticeboard fejn jistieden lil dawk kollha li jixtiequ jaghmlu parti minn xi sottokumitat sabiex javvicinaw lil xi hadd mill-kunsilliera jew mill-impjegati.

5.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tintbaghat ittra lil membri kollha li kienu jifformaw parti mis-sotto kumitati tal-kunsill precedenti u jitlobhom jikkonfermaw l-interess taghhom biex ghal darb'ohra jaghmlu parti minn dawn l-istess sottokumitati.

5.5 Il-Kunsillier Matthew Paris ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill bhala membri tas-sottokumitat tieghu lil Adrian Schembri, Damian Camilleri, Tonio Azzopardi u lil Dr Raymond Debono Roberts. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

5.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill lil Eric Debattista, Ray Debattista, Peter Mousu, Charles Farrugia u Florian Piscopo bhala membri tas-sottokumitat Zghazagh u Sports. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

5.7 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill lill-Antoinette Cauchi, Rose Hili, Maryann Cefai, Sandra Sammut Hili u Lorraine Roberts bhala membri tas-sottokumitat Ugwaljanza u l-Avvanz tan-nisa. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 6.0 Tender – Supply and Installation of Lighting – Binja Vilhena

6.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega dwar x'kien sar fir-rigward tat-tender ghall-installazzjoni ta' dawl f'Binja Vilhena.

6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien avvicinat Mid-Dipartiment tal-Housing li approva il-progett u anke gie approvat l-abbozz tad dokument tat-tender ghall-installazzjoni ta' dawl gdid.

6.3 Il-Kunsill qabel li ghandu johrog is-sejha ghall-offerti ghal Supply and Installation of Lighting kif inhu approvat.

## 7.0 Reply Management Letter

7.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lis-Segretarju Ezekuttiv jaqra l-ittra li ser tintbaghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

7.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-ittra lill-kunsilliera, huwa nforma li kien ghad jonqos gimgha sabiex din tasal ghand id-Dipartiment.

7.3 Il-Kunsill approva r-reply managament letter u qabel li din ghandha tintbaghat malajr kemm jista' jkun.

## 8.0 Wifi Spots

8.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lill-Kunsillier Matthew Paris sabiex jinforma lill-Kunsill bir-rizultat tal-laqgha li kellu mal-MCA.

8.2 Il-Kunsillier Matthew Paris informa li wara d-diskussjonijiet li nzammu mal-MCa, kien irrizulta li l-Kunsill kien eligibbli ghal zewg skemi: 4 mgs ghall-ammont ta' €120 jew 20mgs ghall-ammont ta' €900.

8.3 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona wkoll li l-Kunsill jaghzel xi zoni fejn jixtieq li jigi nstallat il-wi-fi sabiex ikun jista' jipprocedi.

8.4 Il-Kunsill qabel li l-ahjar zoni jkunu c-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, il-Fosos u Gnien Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob lill-Gvern Centrali sabiex jigi nstallat wi-fi fi Gnien il-Mall u Gnien l-Argotti.

**Nota: 20:55 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 9.0 Progett Soft Area biswit SPCA

9.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi nformat li kienet iltaqghet mal-kuntrattur li jiehu hsieb is-soft areas tal-lokalita' u kienet anke marret on site mieghu.

9.2 Hija ziedet tghid li l-kuntrattur informaha li l-haxix hazin kien qed jikber malajr hafna u

ghalhekk informaha li kien qisu abbanduna z-zona ta' biswit l-SPCA.

9.3 Il-Kunsill qabel li dan ma kienx accettabli u ghalhekk qabel li ghandu jiltaqqa' mal-kuntrattur sabiex jigi diskuss dan.

**Nota: 21.00 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-laqgha tigi estiza.**

9.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili ssuggeriet ukoll li l-Kunsill jitlob kwotazzjoni sabiex il-planters li hemm jinzebghu u jinghataw manutenzjoni.

## 10.0 Bankini u Asfaltar fi Triq l-Argotti / Triq L-Iljun

10.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lill-Kunsillier Matthew Paris sabiex jiftah id-diskussjoni.

10.2 Il-Kunsillier Matthew Paris informa li wara li kien tkellem mal-Perit David Vassallo, kien gie accertat li ma kienx hemm il-bzonn li jkun hemm paviment fuq kull naha tat-triq. Huwa zied jghid li madankollu, jekk il-Kunsill jiddeciedi li jaghmel bankina, din trid tkun wiesa minimu ta' 1.2 metri.

10.3 Il-Kunsillier Matthew Paris ghalhekk ippropona li minflok bankina, il-Kunsill iwahhal bollards.

10.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mal-perit li ghaliha jkunu prezenti l-kunsilliera responsabbli mix-xogholijiet tat-toroq sabiex jigu diskussi certi teknikalitajiet.

**Nota: 21:15 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

10.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn xi residenti ta' Triq l-Argotti u Triq l-Iljun fejn talbu lill-Kunsill igib bowser sabiex jorqod it-trab. Il-Kunsill qabel li ghandu jordna s-sevrizz ta' bowser nhar il-Hamis 21 ta' Gunju 2012.

**Nota: 21:20 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

10.6 Il-Kunsill qabel li ghandu jistaqsi wkoll ghall-iktar porfido u kurduna ghall-bankini l-godda.

**Nota: 21:23 Il-Kunsillier Matthew Paris irritorna ghal-laqgha.**

Il-Kunsilleir Matthew Paris ha l-inkarigu biex jitlob iktar materjal b'xejn lill-Ministeru.

10.7 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha ssir laqgha on site sabiex ikun jista' jigi kkonfermat x'hemm bzonn isir.

10.8 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat li l-Kunsill kien ircieva lment minn individwu li ghandu proprjeta' fi Triq l-Argotti fejn ilmenta dwar l-indent li l-Kunsill kien ser jaghmel fil-bankina. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jirrevedi d-decizjoni tieghu ladarba kien kollox skont ir-rekwiziti u ma kienu qed jinkisru l-ebda regoli. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jinforma lill-individwu li xorta wahda kienu ser isiru l-linji sofor quddiem il-garaxx tieghu wara li tkun giet milqugha l-applikazzjoni tieghu ghar-registrazzjoni tal-garaxx mal-Kunsill.

**Nota: 21:30 Il-Kunsillier Nigel Holland rritorna ghal-laqgha.**

## 11.0 Spralli Triq Konservatorju u Triq l-Argotti

11.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lill-Vici Sindku Vincent Borg sabiex jiftah id-diskussjoni.

11.2 Il-Vici Sindku Vincent Borg informa lill-Kunsill li fi Triq il-Konservatorju hemm sprall li ilu ghal hafna zmien imkisser. Minhabba li dan l-isprall kien ta' proprjeta' privata, il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika min hu s-sid tal-proprjeta' u jghaddi l-ilment tieghu lill-Pulizija sabiex tkun tista' tittiehed azzjoni dwar dan l-inkonvenjent.

11.3 Il-Kunsillier Matthew Paris informa lill-Kunsill li kien hemm sprall iehor li kellu bzonn t'attenzjoni fi Triq il-Miratur c/w Triq Antonio Agius. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel rapport dwar dan l-isprall lill-Pulizija.

11.4 Il-Kunsillier Nigel Holland sostna li l-Kunsill ghandu jghaddi kull informazzjoni dwar sidien ta' spralli lill-Pulizija u nsista li l-Kunsill m'ghandu jaghmel l-ebda manutenzjoni fuqhom ladarba dawn ma kienux proprjeta' tieghu izda responsabbilta' tas-sidien rispettivi.

**Nota: 21:40 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 12.0 Asfaltar ta` Toroq - Private Public Partnership

12.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 13.0 Parking Bays

13.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lill-Vici Sindku Vincent Borg sabiex jiftah id-diskussjoni.

13.2 Il-Vici Sindku Vincent Borg informa lill-Kunsill li wara li kien ivverifika l-linji gwida ta' Transport Malta dwar kemm iridu jkunu kbar l-ispazji ta' parkegg, irrizulta li l-linji gwida kienu jipprovdu biss minimu. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika dawn l-ispecifikazzjonijiet mat-Traffic Management Code.

13.3 Il-Kunsill qabel li jekk jirrizulta li xi spazji ta' parkegg fil-Floriana huma ikbar mill-ispecifikazzjonijiet tal-linji gwida, dawn ghandhom jigu rrangati halli jintrebah iktar spazju ghall-parkegg fil-lokalita'.

## 14.0 Muzew Kulturali f'Dar il-Kunsill

14.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 15.0 Korsijiet TCTC

15.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-korsijiet tal-kompjuter li kienu ser jibdew dalwaqt u nformat li dawn kienu ser jinzammu fid-Dar tal-Kunsill bhal ma sar fis-snin imghoddija.

15.2 Is-Sindku ziedet tghid li dawn il-korsijiet kienu ser isiru fil-perjodu tas-Sajf u li l-ispiza ghalihom kienet tammonta ghal €1100.

## 16.0 Arblu bil-bandiera tal-Floriana

16.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lill-Vici Sindku Vincent Borg sabiex jiftah id-diskussjoni.

16.2 Il-Vici Sindku Vincent Borg informa li fil-Kunsill precedenti, il-Kunsill kien qabel li l-arblu li kien hemm fuq il-bejt tad-Dar tal-Kunsill kellu jinqala' minhabba ragunijiet teknici u jitwahhal fis-centre stip li hemm fi Triq Sant'Anna.

16.3 Il-Vici Sindku Vincent Borg zied jghid li l-arblu kien inqala' minn fuq il-bejt tad-Dar tal-Kunsill u kien hemm bzonn li l-Kunsill jibda' l-proceduri sabiex dan l-arblu jitwahhal bandohra.

16.4 Il-Kunsill qabel li ghandu japplika mal-MEPA u jitlob in-no objection ta' Transport Malta ghat-twahhil ta' dan l-arblu fi Triq Sant'Anna ladarba din it-triq arterjali kienet fir-responsabbilta' taghhom.

**Nota: 22:00 Il-Kunsill qabel li l-laqgha ghandha tigi estiza b'siegha.**

## 17.0 Tabella hdejn il-hockey club

17.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili nformat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata mill-management-il gdid tal-Hockey Club li kien hemm xi vetturi qeghdin jipparkjaw bis-silencer lejn il-hajt taghhom fejn kellhom it-tieqa ghall-kcina.

17.2 IS-Sindku ziedet tghid li kienu talbu lill-Kunsill sabiex titwahhal tabella biex il-vetturi jipparkjaw wicchom-il gewwa.

17.3 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni sabiex iwahhal tali tabella.

## 18.0 Dwal fi Gnien Herbert Ganado

18.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi qalet li kien hemm bzonn li jizdied id-dawl fi Gnien Herbet Ganado minhabba li kienet qed taqa' dalma kbira.

18.2 Is-Sindku pproponiet li ghalkemm dan il-gnien ma kienx jaqa' taht ir-responsabbilta' diretta tal-Kunsill, il-Kunsill xorta wahda ghandu jaghmel pressjoni fuq il-Gvern Centrali u min hu responsabbli sabiex jizdiedu l-ammont ta' fanali li hemm fil-gnien.

18.3 Il-Kunsill qabel li ghandu javvicina lill-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali b'din il-proposta.

## 19.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejliet L-Ewwel tas-Sena

19.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 20.0 Ħwejjeg Oħra

20.1 Il-Kunsillier Matthew Paris informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat mill-Floriana FC fejn ipproponew li jinhareg souvenir programme tal-partiti tal-UEFA konguntament mal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni b'kundizzjoni li l-ispiza ma teccediex dik tas-sena precedenti, u li jsir riklam adekwat tal-Kunsill.

20.2 Il-Kunsillier Matthew Paris informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat mill-Floriana Basketball Club fejn ipproponew sabiex jinhareg fuljett konguntament mal-Kunsill li fih il-Kunsill jinghata pagna ddedikata ghalih. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jiehu hsieb id-distribuzzjoni u l-publikazzjoni tal-fuljett ghal spiza li ma taqbizx il-€550.

20.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili informa lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn xi residenti fi Triq Sant'Anna li talbu li l-Kunsill jipprovdilhom pot li jitpogga taht il-logog. Il-Kunsill ma laqax it-talba .

20.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kien hemm xi residenti li kienu qed jarmu l-iskart fuq is-saqaf tal-kamra tal-gardinar li hemm fi Triq il-Fosos. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-kuntrattur tal-gabra tal-iskart sabiex dawn il-boroz ikunu jistghu jingabru.

20.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kien hemm xi terrapin fiz-zona maghrufa bhala taht il-forka. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob stima biex jitnehha dan it-terrapin.

20.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kien gie mitlub jaghmel tabelli bid-direzzjonijiet ghall-Cruise Passenger Terminali minhabba li hafna turisti kienu qed isisbuha difficli jsibu triqthomn lura lejn il-vapur. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjoni ghal dawn it-tabelli.

20.7 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill bit-talba li jsiru tliet planters fi Triq is-Suq minhabba li xi vetturi kienu qed jipparkjaw b'tali mod li jaghlqu l-access ghall-ufficcju li hemm f'din it-triq. Il-Kunsill ma sabx oggezjoni.

20.8 Is-Sindku Davina Sammut Hili ipproponiet li jinzebghu l-bankijiet ta' fuq il-Fosos. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jsir wara li l-Kunsill ikun gie attribwit haddiem iehor tal-IPSL.

20.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill bl-aggregazzjoni ta' haddiema tal-Arriva li kienu qed ihallu hafna skart u hmieg warajhom fi Triq Sarria. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Ministeru tat-Trasport sabiex tittiehed azzjoni dwar dan l-ilment.

20.10 Il-Vici Sindku Vincent Borg informa lill-Kunsill bit-talba tas-Sur Spiteri li talab lill-Kunsill iwahhal bank li ser jipprovdi hu fiz-zona tal-Park & Ride. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

20.11 Il-Vici Sindku Vince Borg informa lill-Kunsill bit-talba li jitwahhlu zewg bankijiet fil-carpark tax-Xaghra. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

20.12 Il-Vici Sindku Vincent Borg ghamel riferenza ghall-parkegg riservat li hemm fi Triq l-Imhazen u nforma li l-persuna li ghaliha kien sar dan l-ispazju riservat ma kinietx ghadha residenti fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattjahom dwar dan il-parkegg riservat biex jekk m'ghadux jintuza, jigi mnehhi minnufih.

20.13 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq talba mill-impjegat Godwin Azzopardi ghall-qualification allowance. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

20.14 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq talba mill-impjegati Fiona Said u Emmanie Theuma ghall-transfer ta' vacation leave li ma kienux gew uzati s-sena li ghaddiet. Il-Kunsill qabel li dawn il-granet ghandhom jizdiedu mal-ammont ta' vacation leave ta' din is-sena.

20.15 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien avvicina avukat sabiex jifforma parti mill-Bord tal-Appell izda dan kien irrifjuta. Il-Kunsill qabel li ghandu javvicina xi avukati ohra.

20.16 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li ghalkemm kien inghata bizzejjed cans sabiex jingabru l-permessi l-godda taht l-iskema ta' parkegg residenzjali, xorta wahda kien ghad fadal ammont ta' permessi li kienu ghadhom ma ngabrux. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat ittra lil dawk kollha li ghadhom ma gabrux il-permess-il gdid u jtihom cans gimgha mid-data tal-ittra sabiex jigbru l-permess. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jaghti struzzjoni lill-gwardjani lokali sabiex iharrku lil dawk li ma jkollhomx il-permess-il gdid mal-windscreen wara li tkun ghaddiet gimgha mid-data tal-ittra.

20.17 Is-Sindku Davina Sammut Hili nformat lill-Kunsill bil-publikazzjoni l-gdida tal-Kunsill, 70 sena wara l-Gwerra. Il-Kunsill qabel li din il-publikazzjoni tibda' tinbiegh ghal €2.50. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jaghti skont ta' €0.50 fuq din il-publikazzjoni lill-istudenti tal-iskola primarja u lit-tfal tal-muzew.

20.18 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-kuntrattur li hu responsabbli mill-gonna u l-latrini sabiex izid il-hin ghassa mal-latrini matul il jiem tas-sajf.

## 21.0 Aġġornament tal-laqgħa

21.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 2 ta' Lulju fis-4.00pm.

Il-laqgha ntemmet fil-23:20.

| | |
|---|---|
| Davina Sammut Hili | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |